# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Settembru 2002**

**Avviz. numru 721/01**

**Numru 29**

**Brian Darmanin**

**Vs**

**Martin Mamo u martu Maria Antionia Mamo bhala kompartecipi tal-komunjoni tal-akkwisti u fl-amministrazzjoni taghha ma' zewgha Martin Mamo, ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur is-somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm2,732) jew dik is-somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti d-differenza bejn il-pagamenti versati mill-attur versu xogholjiet illi l-konvenut Martin Mamo

kellu jezegwixxi fil-fond 56, Triq Sant Pawl, Ghaxaq, proprjeta' tal-attur, liema pagamenti jammontaw ghas-somma ta' tmint elef, tliet mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm8,339) u l-valur tax-xogholijet mill-konvenut ezegwiti mill-konvenut Martin Mamo fl-imsemmi fond qabel qabad u ttermina l-appalt lilu moghti minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' April 2001 tal-ittra interpellatorja datata 13 ta' Lulju 2001 u tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorju numru 1177/01 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 9 tal-atti) u li biha eccepew ili:

1. Fl-ewwel lok, dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti *rationae valoris* biex tisma t-talba ta' l-attur.

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mill-attur m'huwiex dovut stante li l-eccipjenti ghamel xoghol b'iktar minn dak illi effettivament ta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni mal-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti u li hi ta 'natura preliminari, u b'hekk trid tigi decisa qabel ma jigi konsiderat il-meritu ta' dan il-kaz, ghandu jinghad u jigi premess illi:

a) Kif jidher minn fol 16 tal-atti din il-kawza kienet giet differita ghas-seduta hemm specifikata sabiex jigu prodotti l-provi kollha in rigward l-istess eccezzjoni kif ukoll sabiex issir it-trattazzjoni relattiva.

b) Sussegwentement (ara fol 17 tal-atti) l-istess konvenut, presenti f'din is-seduta, iddikjara li ma kienx hemm provi sabiex jigu prodotti mil-istess konvenuti.

Inoltre minflok tratazzjoni orali, kellhom jigu sottomessi noti mill-partijiet sad-dati hemm prefissi.

c) Pero tali noti ma sarux u ma gewx presentati sad-data tallum.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher li ma ingieb xejn a konjizzjoni ta' din il-Qorti sabiex, b'xi mod, tigi sostanzjata l-eccezzjoni in esami u b'hekk jidher li l-kompetenza ta' din il-Qorti "rationae valoris" hi radikata kemm fil-fatt kemm fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-eccezzjoni preliminari in esami u tordna li din il-kawza titkompla tinstema' in konnessjoni mal-meritu taghha;  Bl-ispejjes riservati.

Christine Micallef
Deputat Registratur